MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 141/2000/1

**Emanuel u Pauline konjugi Bajada**

**v.**

**John u Julie konjugi Bajada**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, datata 17 ta' Mejju 2005. L-

appellanti John u Julie Bajada qeghdin jitolbu r-revoka ta’ dik is-sentenza billi jigu michuda t-talbiet attrici filwaqt illi jigu milqugha l-eccezzjonijiet taghhom.

**2.** Permezz ta’ att ta’ citazzjoni pprezentat fil-11 ta’ Awissu 2000, quddiem il- Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, l-atturi ippremettew u talbu hekk:-

**“Peress illi l-atturi huma proprjetarji flimkien ta’ bicca art fix-Xlendi limiti ta’ Munxar, Ghawdex tal-kejl superficjali ta’ madwar elf mija u sitta u disghin metri kwadri (1396mk) konfinanti mil-lvant ma’ proprjeta` ta’ Ludgard Gatt, nofsinhar ma’ Triq il-Qsajjem, akkwistata permezz ta’ kuntratt ta’ xiri fl-Atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech tal-31 ta’ Awissu 1998;**

**“U peress illi f’xi zmien qrib id-9 ta’ Ottubru 1997, kienu saru xogholijiet ta’ asfaltar u ffurmar ta’ bankina fuq porzjoni minn din il-art – ezattament il-parti illi tinsab fl-estremita` tan-naha tal-lbic ta’ l-intier – da parti tad-Direttur tat-Toroq u ufficjali inkarigati minnu;**

**“U peress illi minhabba f’dan l-esponent Emanuel Bajada kien istitwixxa kawza ta’ spoll kontra l-istess Direttur tat-Toroq u ohrajn, fl-ismijiet ‘Emanuel Bajada vs Direttur tat-Toroq et.’, Citazzjoni numru 236/97 liema kawza giet definittivament deciza minn din il-Qorti fit-13 ta’ April 2000;**

**“U peress illi in segwitu ghal din is-sentenza il-konvenuti sokkombenti spurgaw l-ispoll kommess minnhom ghad-dannu ta’ l-esponenti billi fit-tlettax (13) ta’ Gunju elfejn (2000) huma nehhew il-bankina minnhom maghmula fuq il-proprjeta` fil-pussess ta’ l-atturi;**

**“U peress illi immedjatament wara, fl-istess gurnata l-konvenuti flimkien regghu kkommettew spoll vjolenti ghad-dannu ta’ l-atturi billi regghu ffurmaw l-istess bankina illi kienet tnehhiet mid-Direttur tat-Toroq; u minkejja illi sussegwentement ghall-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 14/00 fl-ismijiet “Bajada John et. vs.**

**Bajada Emanuel et." il-konvenuti kienu nehhew l-att spoljattiv, huma regghu wahhlu u ffurmaw il-bankina f'xi zmien fil-gimgha precedenti l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000);**

**"U peress illi dan il-agir jikkostitwixxi spoll vjolenti ghad-dannu ta' l-atturi, in kwantu qieghed itellifhom mill-pussess ta' hwejjighom.**

**"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Onorabbili Qorti:**

**1. Tiddikjara illi intom ikkommettejtu spoll vjolenti u klandestinu ghad-dannu ta' l-atturi meta fi jew qrib it-13 ta' Gunju 2000, u fil-gimgha immedjatament qabel il-25 ta' Lulju 2000, intom konvenuti ffurmajtu bankina fuq parti mill-art fil-pussess ta' l-atturi kontra l-volonta` taghhom;**

**2. Tikkundannakom sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi prefiss intom tispurgaw l-ispoll kommess minnkom billi tpoggu kollox fl-istat pristinu tieghu;**

**3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu x-xogholijiet necessarji huma a spejjez tal-konvenuti.**

**"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fuq citat, mandat numru 14/00 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inthom msejha.**

**"Bir-rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti."**

**3.** Permezz ta' nota' ta' eccezzjonijietipprezentata fis-7 ta' Settembru 2000 (fol. 8) il-konvenuti eccipew:

**"1. Illi f'dan il-kaz ma jezistux l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-ezercizzju tal-kawza ta' spoll b'mod specjali l-elementi ta' pussess;**

**“2. Illi hawn si tratta ta’ triq vicinali li skond il-ligi hija soggetta ghas-servitu` ta’ tranzitu u ta’ uzu;**

**“3. Illi oltre dan a tenur ta’ l-Artikolu 13 tal-Kodici tal-Pulizija l-ligi tippresumi bhala l-persuni li fethu t-triq dawk il-persuni li jmissu direttament mat-triq salv kull regress kontra terzi b’azzjoni civili. Ghalhekk il-konvenuti mhux biss ghandhom id-dritt imma l-obbligu li jiffurmaw it-triq sa nofs il-wisa’ taghha u anke jaghmlu l-bankina quddiem il-fond taghhom.**

**“4. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.”**

<u>Is-sentenza appellata</u>

**4.** Permezz ta’ sentenza moghtija, kif inghad, fis-17 ta’ Mejju 2005, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, laqghet it-talbiet attrici u ghalhekk ddikjarat illi l-konvenuti kienu kkommettew spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-atturi u kkundannathom sabiex fi zmien xahar jispurgaw l-ispoll u jreggghu kollox fi stat pristinu tieghu, u fin-nuqqas li dan isir fit-terminu prefiss awtorizzat lill-atturi sabiex jaghmlu x-xogholijiet necessarji huwa a spejjez tal-konvenuti. Dan iddecidietu wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

**“Azzjoni ta’ spoll, bhalma hi l-kawza in dizamina, hija azzjoni possessorja fejn l-indagni hija ristretta ghall-fatt tal-pussess jew detenzjoni u l-fatt ta’ l-ispoll. Ikollha success jekk l-azzjoni tigi esperita fi zmien xahrejn mill-att spoljattiv.  Dan it-teminu hu wiehed perentorju.**

**“Illi hu ukoll principju assodat li l-azzjoni possessorja ma tippermettix il-kumulu tal-petitorju u vice versa u ghalhekk hu prekluz f’azzjoni possessorja li jigi ndagat xi titolu ta’ proprjeta`.**

**“Illi dan qieghed jigi sottolineat billi jidher li l-konvenuti qeghdin jikkontestaw, apparti inter alia l-pussess fl-atturi, anke t-titolu ta’ proprjeta` minnhom vantat.  Issa l-kawza tikkoncerna l-bicca art fix-Xlendi**

**li hi formata bhala triq, mibnija fuq iz-zewg lati opposti taghha u fejn jinghad li l-konvenuti rripristinaw il-parti tal-bankina adjacenti proprjeta` taghhom b'access minnha u dana kontra l-volonta' ta' l-atturi li jivvantaw mhux biss il-pussess ta' din it-triq izda wkoll il-proprjeta`.**

**"Mill-atti jirrizulta illi b'sentenza tat-13 ta' April 2000 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-atti tac-citazzjoni numru 236/1997, l-atturi kienu gia ottjenew decizjoni favorevoli dwar spoll kommess kontra taghhom u koncernanti l-istess bankina meritu ta' din il-kawza. Skond is-sentenza ta' dik il-Qorti wiehed mill-konvenuti, senjatament id-Direttur tat-Toroq, kien gie misjub responsabbli li ghamel spoll kontra l-istess atturi f'dik il-kawza, u gie kkundannat jirrintegra lil dawn l-atturi fil-pussess taghhom tat-Triq il-Bizantini, ix-Xlendi billi jirrimovi dik il-parti tal-bankina formata minnu fl-istess triq. Jirrizulta li d-Direttur tat-Toroq kien spurga l-ispoll u wkoll li din il-kawza ghaddiet in gudikat.**

**"Illi in bazi ta' dan u rinfaccjata b'sentenza finali fejn l-atturi gew dikjarati li ghandhom il-pusses ta' dik it-triq, li tifforma l-meritu wkoll ta' din il-kawza, din il-Qorti frankament ma tarax kif tista' tbiddel dan l-istat ta' fatt sancit b'sentenza li ghaddiet in gudikat, kif intqal, billi issa taghmel diversament u tippermetti l-formazzjoni tal-bankina li kienet giet oppresa bis-sentenza fuq citatat. Huwa sufficjenti li jinghad f'dan il-kuntest li spoll jista' jigi kommess anke minn ko-possessur kontra ko-possessur iehor.**

**"Hawnhekk m'hijiex kwistjoni ta'** ***animus spogliandi*** **li m'ghandhiex** ***locus standi*** **fl-istitut taghna ta' spoll izda** ***sic et simpliciter*** **tat-tliet elementi li jikkontradistingwu l-ispoll fis-sistema guridiku taghna. Dawn it-tliet elementi, komponenti l-pussess, il-fatt ta' l-ispoll u l-*****infra bimestre deduxisse*** **jinsabu ben pruvati f'din l-azzjoni u fejn jirrizulta wkoll li hemm proceduri pendenti fil-petitorju li jittrattaw it-**

**titolu ta' proprjeta`** ***ut sic*** **li, kif gia accennat, tesorbita l-indagni f'din il-kawza.**

**"Ghaldaqstant, tiddisponi mill-kawza, billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u fil-waqt li tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta' l-atturi meta fi jew qrib it-13 ta' Gunju 2000 u fil-gimgha immedjatament qabel il-25 ta' Lulju 2000 iffurmaw bankina fuq parti mill-art fil-pussess ta' l-atturi kontra l-volonta` taghhom, tikkundannhom sabiex zmien xahar jisporgaw dan l-ispoll u jregghu kollox fi stat pristin, u fin-nuqqas li dan isir fit-terminu prefiss, qeghdha tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu x-xogholijet necessarji huma a spejjez tal-konvenuti.**

**"Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti."**

**<u>L-appell tal-konvenuti John u Julie konjugi Bajada</u>**

**5.** B'rikorsypprezentat fis-27 ta' Mejju 2005, il-konvenuti appellaw. Huma ressqu erba' aggravji illi huma in sostanza (i) illi l-ewwelnett ma kienx hemm l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex tirnexxi kawza ta' spoll. (ii) Fit-tieni lok jissottomettu illi huma dejjem kellhom pussess ta' din il-bankina u ghalhekk l-appellati ma setghux jintavolaw b'success kawza ta' spoll. (iii) It-tielet aggravju jikkonsisti filli din il-kawza tirreferi ghal "triq vicinali" li ghalhekk hija soggetta ghal servitu ta' bankina u ta' uzu taghha. L-ahhar aggravvju (iv) huwa illi a tenur tal-Artikolu 13[1] tal-Kapitlu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, il-ligi tippresumi illi l-persuna li tkun fethet it-triq, dawk il-persuni li jmissu mat-triq ghandhom id-dritt ta' dak il-uzu salv regress kontra terzi b'azzjoni civili.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**6.** Illi l-ewwel haga li qeghda tinnota din il-Qorti huwa l-fatt illi f'dan ir-rikors tal-appell, l-aggravji li gew migjuba 'l

[1] Dana l-artikolu, flimkien ma diversi ohra, gie revokat bl-Att 1 ta' l-1992 – nota tal-Qorti ta' l-Appell.

quddiem mill-appellanti huma ripetizzjoni tal-eccezzjonijiet li huma kienu ghamlu inizjalment fil-kawza. Fi kliem iehor il-konvenuti appellanti, minbarra ripetizzjoni tal-fatti tal-kawza, ma ghamlu l-ebda sottomissjoni ulterjuri ghaliex dawn l-aggravji ghandhom jigu milqugha minn din il-Qorti.

**7.** L-ewwel aggravju huwa illi f'din il-kawza ma jezistux l-elementi kollha sabiex tirnexxi kawza ta' l-ispoll. Issa, kif intqal diversi drabi fil-gurisprudenza taghna it-tliet elementi ta' kawza ta' spoll huma riassunti fl-espressjonijiet a) *possedisse*; b) *spoliatum fuisse* u c) *infra bimestre deduxisse*. L-ispoll ghandu jkun wiehed vjolenti u klandestin. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet <u>Camilleri vs. Sciberras</u> deciza fit-3 ta' Lulju 2003:

**"F'materja ta' spoll, ma tistax tigi permessa ebda eccezzjoni qabel ma' jigi reintegrat l-ispoll, ghax spoliatus ante omnia restituendus, billi din l-azzjoni hija ta' ordni pubbliku, u hi intiza illi tipprojbixxi illi wiehed jaghmel gustizzja b'idejh u minghajr l-intervent tat-tribunali. L-azzjoni ta' spoll hija privileggjata, u kontra taghha m'huwiex ammissibbli eccezzjonijiet ohra hlief dilatorji, u l-ezami tal-Qorti ghandu jkun limitat ghall-fatt ta' l-ispoll u tal-pussess, u mhux ghall-investigazzjoni tan-natura tal-pussess tal-ispoljat; dana ghaliex il-ligi ma tirrikjedix hlief pussess materjali u ta' fatt. Ghal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix prova tal-leggittimita` tal-pussess tat-turbat, u takkorda r-reintegrazzonji anke kontra l-possessur in mala fede u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha hemm il-pretensjoni li gie kommess spoll. Hemm ir-rekwizit ta' spoll anke meta l-ispoljat ghandu s-semplici detenzjoni, u l-uniku kaz fejn il-gudizzju ta' l-ispoll jista' jigi sospiz, huwa meta l-pussess ikun ekwivoku u mhux manifest. Intqal ukoll li l-possessur jista' jirnexxi f'din l-azzjoni, "comunque breve ed illegittimo possa essere stato tale possesso" (ara Vol. XXXVII.I.280; XXXVI.II.558; XXIII.II.82).**

**"Din il-Qorti, fil-kawza 'Micallef vs Sammut' deciza fit-2 ta' Lulju, 1982, osservat li l-azzjoni ta' spoll tirnexxi anke jekk il-pussess huwa prekarju; pussess materjali**

**ta' kwalunkwe xorta huwa bizzejjed.** ***"In tema legali jinghad li l-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita` socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi impedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja b'idejh, b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun giet skonvolt jew turbat."***

**8.** Jirrizulta pruvat li qabel il-kawza odjerna, l-atturi hawn appellati kienu diga` gew spoljati minn din il-bicca art mid-Direttur tat-Toroq u bhala konsegwenza l-attur kien ipprosegwa b'azzjoni ta' spoll kontra d-Direttur tat-Toroq u dan permezz ta' kawza citazzjoni numru 236/1997 fl-ismijiet Emanuel Bajada vs. Direttur tat-Toroq et. deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-13 ta' April 2000. B'rizultat ta' dik il-kawza, il-Qorti kienet iddikjarat illi d-Direttur tat-Toroq kien ikkommetta spoll u ghalhekk gie ordnat sabiex *"jerga' jirreintegra l-ispoll minnu kommess f'dik il-parti tal-bankina fi triq il-Bizantini, x-Xlendi,* ***posseduta mill-attur****, billi jpoggi kollox fl-istat pristinu tieghu …"*. Minbarra din il-kawza kien hemm kawza ohra fejn din il-bicca art kienet parti mill-kontroversja -- issir referenza ghac-citazzjoni numru 170/1994 fl-ismijiet Emmanuel Bajada vs Hadrian Busietta deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fit-28 ta' Jannar 2000. Hawn il-Qorti ddikjarat illi din il-bicca art hija proprjeta` tal-atturi hawn appellati.

**9.** Illi ghalhekk u a bazi ta' dan kollu l-ewwel qorti ddecidiet tajjeb illi l-appellati kellhom il-pussess ta' din il-bicca art li fuqha saret il-bankina u ghalhekk l-ewwel element tal-ispoll gie ppruvat.

**10.** Kwantu ghat-tieni element, jidher car mill-provi li ngiebu quddiem l-ewwel qorti illi l-atturi gew spoljati mill-pussess li kellhom ta' din il-bicca art. Il-konvenut stess kkonferma illi huwa bena bankina fuq art li kienet fil-pussess tal-attur. Ghalhekk anke dan l-element huwa ppruvat.

**11.** Fir-rigward tat-tielet element anke dan gie ppruvat ampjament mill-atturi. L-ispoll da parti tal-konvenuti sar nhar it-13 ta' Gunju 2000, proprju l-istess gurnata illi kien tnehha spoll precedenti. Ghalhekk minhabba l-fatt illi din il-kawza nfethet fil-11 ta' Awissu 2000, ix-xahrejn rikjesti mil-ligi ma kienux ghaddew.

**12.** Fir-rigward tal-vjolenza u l-klandestinita` li hemm bzonn, dak li huwa essenzjali huwa illi jkun hemm att arbitrarju li jsir kontra l-volonta` tal-persuna spoljata. *"Issa hu ben maghruf illi 'biex jirrikorri l-element tal-fatt materjali ta' l-ispoll, mhux mehtieg, biex dan ikun vjolat, li jkun hemm il-vis atrox jew le vie di fatto, imma hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens, espress jew tacitu, ta' min isofri l-ispoll' -* *<u>Carmelo Rosario Dimech -vs- Antonia Fenech et</u>, Prim Awla, Qorti Civili, 26 ta' Jannar 1957; <u>Ersilia Zahra -vs- Aurelio Carabott</u>, Appell Civili, 2 ta' Dicembru 1955. Jigi osservat ukoll illi 'mhux mehtieg li jkun hemm il-privazzjoni totali tal-haga, imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet, jew hsara lil min isofri l-ispoll; u ghalhekk huma ukoll indifferenti z-zmien li jkun dam l-ispoll u l-entita` tat-tfixkil jew hsara lill-ispolljat' - <u>Caterina Vella -vs- Giovanni Vella</u>, Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Novembru 1957.* [2]

**13.** Anke f'dan ir-rigward huwa car mill-fatti illi dan kien spoll illi sar kontra l-volonta` tal-atturi appellati u li ghalhekk a bazi tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti illi l-elementi kollha necessarji sabiex azzjoni ta' spoll tirnexxi gew ippruvati, l-ewwel aggravju tal-konvenuti huwa michud anke peress li huwa manifestament fieragh.

**14.** It-tieni aggravju tal-appellanti huwa illi huma dejjem kellhom pussess ta' dina l-bankina u li ghalhekk minhabba l-fatt illi l-appellati ma kellhomx pussess huma ma setghux jintavolaw azzjoni ta' spoll. Dan l-aggravju huwa ghal kollox inutli u fieragh -- din il-Qorti diga` kkonsiderat u ddecidiet illi fil-fatt kienu l-appellati li kellhom il-pussess ta' l-art in kwistjoni. Konsegwentement mhix ser tiehu aktar konjizjoni ta' dan il-aggravvju.

---

[2] Citaz. 308/96 PA Vincent Vella vs. John Borg deciza 27 ta' Gunju 2003.

**15.** It-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti huwa illi din il-kawza tittratta triq vicinali li bhal kull triq pubblika hija soggetta ghal servitu ta' bankina u l-uzu taghha. L-ewwel haga li qeghda tinnota din il-Qorti huwa illi din il-kawza mhix titratta dwar xi dritt ta' servitu` attiva pubblika fuq triq vicinali, izda dwar bicca art illi l-konvenuti (u ghalhekk mhux is-sidien ta' l-art) ghogobhom jibdluha f'bankina. Din il-Qorti kellha diversi drabi l-okkazjoni illi tikkonsidra x'ghandu jkun mifhum illi hija triq vicinali, u ghalhekk ghal kompletezza qed issir referenza ghal kawza deciza minn din il-Qorti, kif illum komposta, fl-ismijiet Attard vs. Farrugia et. fit-28 ta' Jannar 2005, fejn il-Qorti qalet:

**"Kif imbaghad gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet 'Anna vedova Fava vs Giuseppe Portelli,[3] u dan b'riferenza ghan-natura tat-triq li tkun, Ulpianu jiddistingwi bejn tlett tipi ta' toroq, dawk pubblici, privati u dawk vicinali. Din id-distinzjoni giet applikata anke fil-kazistika taghna, u infatti fis-sentenza 'Vassallo vs Pullicino'[4] il-qorti kienet osservat illi t-toroq vicinali 'ricadono in una od in altra delle classi pubbliche o private, secondo che appartenessero a privati o fossero amministrate dal Governo e mantenute dal pubblico erario per l'uso di tutti.' Fid-decizjoni 'Fava vs Portelli' surreferita l-Qorti kompliet tghid li – 'Che le strade vicinali costruite dal privato sopra suolo proprio ed aperte all'uso pubblico sia per destinazione o per tolleranza di coloro che l'avessero formate, sono pubbliche soltanto quanto all'uso perche` ognuno puo` transitarvi, e sono sottoposte alla vigilanza dell'autorita` pubblica per assicurarne la nettezza e che non siano di pericolo ai passanti. Pero` quel diritto di transito e di vigilanza di cui nelle Leggi di Polizia, a cui sono soggette le nuove strade aperte al pubblico da privati su suolo privato non si esercita come un diritto civico che spetti alla communita` su proprieta` demaniale, ma bensi` come una servitu` attiva pubblica. Ne` quella specie di servitu` pubblica**

[3] Appell Civili deciz 12/12/1919
[4] Appell Civili deciza 27/10/1883

**di transito conferisce diritti reali al demaino, o alla collettivita`, o molto meno ai cittadini 'uti singuli' sul suolo delle dette strade, che continua ad appartenere per tutti i fini della legge civile al privato che avesse formato la strada ed al quale spettano tutte le azioni petitorie e possessorie rispetto allo stesso suolo'."**

Din ir-referenza qed issir biss ghal kjarezza fir-rigward tal-aggravju tal-appellant ghaliex fil-fatt f'din il-kawza dak li qieghed jigi kkunsidrat huwa spoll illi sar fuq il-proprjeta` tal-appellat u ma hemm ebda kwistjoni ta' servitu` ta' passagg fuq it-triq *ut sic*. Ghalhekk anke dan l-aggravju qieghed jigi respint.

**16.** Ir-raba' aggravju tal-konvenuti appellanti huwa illi a tenur tal-Artikolu 13 tal-Kapitlu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, il-ligi tippresumi li l-persuna li tiftah triq, dawk il-persuni li jmissu direttament mat-triq ghandhom id-dritt ta' dak l-uzu salv regress kontra terzi b'azzjoni civili. Din il-Qorti ma tistax hlief tinnota l-konfuzjoni ta' dan l-aggravju li ma giex imfisser tajjeb mill-appellanti. Dan huwa aktar manifest minhabba l-fatt illi r-referenza li l-appellanti jaghmlu ghal Artikolu 13 tal-Ligijiet tal-Pulizija ma taghmilx sens peress li dana l-artikolu gie mhassar permezz tal-Att 1 tal-1992. L-appellanti probabbilment riedu jaghmlu referenza ghal Artikolu 20 ta' dan il-Kapitlu 10.

L-Artikolu 20 sub-artikolu (9) paragrafu (ii) ighid:

**"Is-sidien ta' kull proprjetà li tmiss direttament ma' triq li ma tkunx proprjetà tal-Gvern jew il-persuni li jkollhom din il-proprjetà b'enfitewsi, jitqiesu, ghall-fini ta' dan l-artikolu, li huma l-persuni li fethu din it-triq u li huma s-sidien taghha:**

**"Izda kull persuna li jkollha l-obbligu li taghmel xi xoghlijiet fi triq bhal dik ghandha l-jedd ta' regress kontra terzi bil-mezz ta' l-azzjoni civili, moghtija mil-ligi, sabiex tithallas lura ta' kull spiza li tkun ghamlet dwar dawk ix-xoghlijiet:**

**“Izda, ukoll, ebda azzjoni civili ma tista’ ddewwem l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet mill-persuna obbligata li taghmilhom.”**

Dana l-artikolu, pero`, huwa rrelevanti ghall-meritu tal-kawza odjerna: Din il-Qorti diga` kkunsidrat l-fatt u ddecidiet illi din il-kawza ma tirrigwardax id-dritt ta’ passagg fuq triq, u anqas l-obbligi tal-atturi li jaghmlu xi xogholijiet, izda tirrigwarda bicca art proprjeta` tal-atturi appellati illi l-konvenuti, ghall-konvenjenza taghhom, iddecidew li jbiddlu f’bankina – ghaldaqstant lanqas dan l-aggravju ma jregi u ghalhekk qed jigi michud.

**Decide**

**17.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan li t-terminu ta’ xahar prefiss mill-ewwel qorti jibda jiddekorri mil-lum. L-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu mill-appellanti; u peress li meta wiehed iqis l-appell fit-totalita` tieghu huwa evidenti li dana huwa wiehed fieragh fis-sens ta’ l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti li jhallsu lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------